Nru./No. 21,245
Prezz/Price
€302.76

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju, 2024
Friday, 17th May, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Gvern ..... 6197 - 12,915
Notices ..... *6197 - 12,915*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,916 - 12,920
Court Notices ..... *12,916 - 12,920*

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET
GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467), u skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) tal-artikolu 46 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi d-Dokumenti għall-Votazzjoni indirizzati lill-persuni murija fl-iskeda li tinsab wara dan l-avviż ma ġewx notifikati għar-raġuni indikata ħdejn kull isem.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-17 ta' Mejju, 2024

Riferenzi għad-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma tqassmux

A Rapportati mejta
B Ma nstabux fl-indirizz
C Rifjutat għax il-votant imsiefer
D Rifjutat għax id-Dokument għandu ritratt ta' ħaddieħor
E Rifjutat mill-votant stess
F Raġunijiet oħra

Is-17 ta' Mejju, 2024

EUROPEAN PARLIAMENT
ELECTIONS ACT (CAP. 467)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467), and in accordance with the provisions of subarticle (5) of article 46 of the General Elections Act (Cap. 354), the Electoral Commissioners notify that the Voting Documents addressed to the persons shown in the schedule following this notice have not been served for the reason indicated against each name.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

17th May, 2024

References to undelivered Voting Documents

A Reported as deceased
B Not found at the address
C Refused because voter is abroad
D Refused because the Document has another person's image
E Refused by the voter himself
F Other reasons

17th May, 2024

IN LINE WITH OUR PRIVACY POLICY THE LIST MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAINS PERSONAL INFORMATION IS NOT BEING DISPLAYED ONLINE

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT (CAP. 467)

List of Undelivered Voting Documents

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET
GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Avviż

Għall-finijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467), u skont is-subartikoli (6), (7) u (8) tal-artikolu 46 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi d-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma ġewx konsenjati jistgħu jiġu rtirati, fuq talba personali mill-persuni interessati kemm-il darba huma jipproduċu l-Karta tal-Identità jew id-Dokument tar-Residenza tagħhom, mingħand il-Kummissjonarji Elettorali f'kull ġurnata sa nhar il-Ħamis, is-6 ta' Ġunju, 2024, matul il-ħinijiet u fil-postijiet indikati hawn taħt, jiġifieri:-

Mill-Għases tal-Pulizija tal-lokalitajiet fejn l-eletturi huma reġistrati bħala votanti fir-Reġistru Elettorali ta' April, 2024. Fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar id-Dokumenti għall-Votazzjoni għandhom jiġu rtirati mill-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra. Fil-lokalitajiet ta' Ħ'Attard, Ħad-Dingli, Il-Fontana, L-Għarb, Ħal Għargħur, L-Għasri, Il-Gżira, Il-Ħamrun, L-Iklin, Il-Kalkara, Ħal Kirkop, Ħal Lija, Il-Marsa, L-Imsida, Pembroke, Tal-Pietà, Ir-Rabat (M), San Ġwann, San Lawrenz, Santa Luċija, Is-Siġġiewi, Ta' Xbiex, Ix-Xagħra u x-Xgħajra, id-Dokumenti tal-Votazzjoni għandhom jiġu rtirati mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-votanti reġistrati fuq Marsalforn għandhom jiġbru id-dokumenti tal-votazzjoni tagħhom mill-Għassa ta' Marsalforn.

Mis-Sibt, it-18 sal-Ġimgħa, il-31 ta' Mejju, 2024:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
Mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024

Mit-8.00 a.m. sal-10.00 p.m.

Il-Ħadd, it-2 ta' Ġunju, 2024

Mit-8.00 a.m. sa nofsinhar

Mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar u mill-Uffiċċju tal-Karta tal-Identità, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex.

Mit-Tlieta, l-4 sal-Erbgħa, il-5 ta' Ġunju, 2024:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.
Mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Il-Ħamis, is-6 ta' Ġunju, 2024, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.
Mit-3.00 p.m. sa nofsillejl.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-17 ta' Mejju, 2024

EUROPEAN PARLIAMENT
ELECTIONS ACT (CAP. 467)

Notice

For the purposes of the provisions of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467), and in terms of subarticles (6), (7) and (8) of article 46 of the General Elections Act (Cap. 354), the Electoral Commissioners notify that undelivered Voting Documents may be withdrawn, on personal application by the persons concerned provided they produce their Identity Card or Residence Document, from the Electoral Commissioners on any day up to Thursday, 6th June, 2024, during the hours and at the places shown hereunder, that is:-

From Police Stations of the localities where the electors are registered as voters in the April, 2024 Electoral Register. In the locality of San Pawl il-Baħar Voting Documents are to be withdrawn from the Qawra Police Station. In the localities of Ħ'Attard, Ħad-Dingli, Il-Fontana, L-Għarb, Ħal Għargħur, L-Għasri, Il-Gżira, Il-Ħamrun, L-Iklin, Il-Kalkara, Ħal Kirkop, Ħal Lija, Il-Marsa, L-Imsida, Pembroke, Tal-Pietà, Ir-Rabat (M), San Ġwann, San Lawrenz, Santa Luċija, Is-Siġġiewi, Ta' Xbiex, Ix-Xagħra and Ix-Xgħajra, Voting Documents are to be withdrawn from the Office of the Local Council. Voters registered under Marsalforn need to collect their voting documents from the Marsalforn Police Station.

From Saturday, 18th May to Friday, 31st May, 2024:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and
From 3.00 p.m. to 9.00 p.m.

Saturday, 1st June, 2024
From 8.00 a.m. to 10.00 p.m.

Sunday, 2nd June, 2024

From 8.00 a.m. to noon

From the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar and from the Identity Card Office, St. Francis Square, Ir-Rabat, Gozo.

From Tuesday, 4th to Wednesday, 5th June, 2024:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m.
From 3.00 p.m. to 9.00 p.m.

Thursday, 6th June, 2024, last day:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m.
From 3.00 p.m. to midnight

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

17th May, 2024

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET
GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467), u skont l-artikolu 47 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi dawk il-persuni li isimhom ikun jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali rivedut, iżda ma jkunx jidher fil-lista pubblikata skont is-subartikolu (5) tal-artikolu 46 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), u li ma jkunux irċevew id-Dokument għall-Votazzjoni jew li, wara li jkunu rċevew dak id-dokument, ikunu tilfuh jew iddistruġġewh, jistgħu japplikaw personalment għand il-Kummissjonarji Elettorali mill-Uffiċċju tagħhom fil-Kumpless tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar, u mal-produzzjoni tal-Karta tal-Identità tagħhom jew id-Dokument tar-Residenza tagħhom u fuq dikjarazzjoni bil-ġurament kif ikunu meħtieġa mill-Kummissjonarji Elettorali, għandhom jingħataw Dokument għall-Votazzjoni Speċjali. Dawk il-persuni jistgħu jmorru l-Uffiċċju tal-Kummissjonarji Elettorali f'kull ġurnata, sa nhar l-Erbgħa, il-5 ta' Ġunju, 2024, sad-9.00 p.m., matul il-ħinijiet li jidhru hawn taħt, jiġifieri:

Mit-Tnejn sal-Ħadd:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mit-3.00 p.m. sal-10.00 p.m.

Mill-Ħadd, it-2 ta' Ġunju, 2024 sal-Erbgħa, il-5 ta' Ġunju, 2024, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Ngħarrfu wkoll illi dawk il-persuni li huma reġistrati bħala eletturi f'xi parti tar-Reġistru Elettorali li jirreferixxi għal Għawdex, jistgħu japplikaw għal u jirtiraw id-Dokument għall-Votazzjoni speċjali tagħhom, fuq talba, bħalma hu speċifikat iżjed 'il fuq, mingħand il-Kummissjonarji Elettorali fl-Uffiċċju tagħhom, Uffiċċju tal-Karta tal-Identità, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet li jidhru hawn fuq.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-17 ta' Mejju, 2024

EUROPEAN PARLIAMENT
ELECTIONS ACT (CAP. 467)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467), and in terms of article 47 of the General Elections Act (Cap. 354), the Electoral Commissioners notify that those persons whose name appears in the last revised Electoral Register, but does not appear in the list published under subarticle (5) of article 46 of the General Elections Act (Cap. 354), and who have not received the Voting Document or who, after the receipt of such document, have lost or destroyed it, may apply personally to the Electoral Commissioners at their Office, Vote Counting Complex, Naxxar, and upon the presentation of their Identity Card or Residence Document and upon the making of any declaration on oath as may be required by the Electoral Commissioners, shall be given a Special Voting Document. Such persons may call at the Electoral Office on any day up to Wednesday, 5th June, 2024, at 9.00 p.m., during the hours shown hereunder, that is:

From Monday to Sunday:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

On Saturday, 1st June, 2024, from 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and from 3.00 p.m. to 10.00 p.m.

From Sunday, 2nd June, 2024 to Wednesday, 5th June, 2024, last day:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 9.00 p.m.

It is further notified that those persons who are registered as voters in any part of the Electoral Register which relates to Gozo, may apply for and withdraw their special Voting Document on application, as specified above, from the Electoral Commissioners at their Office, Identity Card Office, St. Francis Square, Ir-Rabat, Gozo, during the hours shown above.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

17th May, 2024

ATT DWAR GVERN LOKALI

(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (5) tar-regolament 17 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi d-Dokumenti għall-Votazzjoni ndirizzati lill-persuni murija fl-Iskeda li tinsab wara dan l-avviż ma ġewx notifikati għar-raġuni murija ħdejn kull isem.

J. CAMILLERI

Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-17 ta' Mejju, 2024

Riferenzi għad-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma tqassmux

A Rapportati mejta
B Ma nstabux fl-indirizz
C Rifjutat għax il-votant imsiefer
D Rifjutat għax id-Dokument għandu ritratt ta' ħaddieħor
E Rifjutat mill-votant stess
F Raġunijiet oħra

Is-17 ta' Mejju, 2024

LOCAL GOVERNMENT ACT

(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of paragraph (5) of regulation 17 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that the Voting Documents addressed to the persons shown in the Schedule following this notice, have not been served for the reason shown against each name.

J. CAMILLERI

Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

17th May, 2024

References to undelivered Voting Documents

A Reported as deceased
B Not found at the address
C Refused because voter is abroad
D Refused because the Document has another person's image
E Refused by the voter himself
F Other reasons

17th May, 2024

IN LINE WITH OUR PRIVACY POLICY THE LIST MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAINS PERSONAL INFORMATION IS NOT BEING DISPLAYED ONLINE

LOCAL GOVERNMENT ACT (CAP. 363)

List of Undelivered Voting Documents

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (6) u (7) tar-regolament 17 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi d-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma ġewx konsenjati jistgħu jiġu rtirati fuq talba personali mill-persuni konċernati, kemm-il darba huma jipproduċu l-Karta tal-Identità tagħhom jew id-Dokument tar-Residenza tagħhom, mingħand il-Kummissjonarji Elettorali sa nhar il-Ħamis, is-6 ta' Ġunju, 2024, mill-postijiet u fil-ġranet u ħinijiet indikati hawn taħt, jiġifieri:-

Mill-Għases tal-Pulizija tal-lokalitajiet fejn l-eletturi huma reġistrati bħala votanti fir-Reġistru Elettorali ta' April, 2024. Fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar id-Dokumenti għall-Votazzjoni għandhom jiġu rtirati mill-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra. Fil-lokalitajiet ta' Ħ'Attard, Ħad-Dingli, Il-Fontana, L-Għarb, Ħal Għargħur, L-Għasri, Il-Gżira, Il-Ħamrun, L-Iklin, Il-Kalkara, Ħal Kirkop, Ħal Lija, Il-Marsa, L-Imsida, Pembroke, Tal-Pietà, Ir-Rabat (M), San Ġwann, San Lawrenz, Santa Luċija, Is-Siġġiewi, Ta' Xbiex, Ix-Xagħra u x-Xgħajra, id-Dokumenti tal-Votazzjoni għandhom jiġu rtirati mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-votanti reġistrati fuq Marsalforn għandhom jiġbru id-dokumenti tal-votazzjoni tagħhom mill-Għassa ta' Marsalforn.

Mis-Sibt, it-18 sal-Ġimgħa, il-31 ta' Mejju, 2024:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
Mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024

Mit-8.00 a.m. sal-10.00 p.m.

Il-Ħadd, it-2 ta' Ġunju, 2024

Mit-8.00 a.m. sa nofsinhar

Mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar u mill-Uffiċċju tal-Karta tal-Identità, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex.

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of paragraphs (6) and (7) of regulation 17 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that undelivered Voting Documents may be withdrawn on personal application by the persons concerned, provided they produce their Identity Card or Residence Document, from the Electoral Commissioners up to Thursday, 6th June, 2024, from the places and on the days and time indicated hereunder, that is:-

From Police Stations of the localities where the electors are registered as voters in the April, 2024 Electoral Register. In the locality of San Pawl il-Baħar Voting Documents are to be withdrawn from the Qawra Police Station. In the localities of Ħ'Attard, Ħad-Dingli, Il-Fontana, L-Għarb, Ħal Għargħur, L-Għasri, Il-Gżira, Il-Ħamrun, L-Iklin, Il-Kalkara, Ħal Kirkop, Ħal Lija, Il-Marsa, L-Imsida, Pembroke, Tal-Pietà, Ir-Rabat (M), San Ġwann, San Lawrenz, Santa Luċija, Is-Siġġiewi, Ta' Xbiex, Ix-Xagħra and Ix-Xgħajra, Voting Documents are to be withdrawn from the Office of the Local Council. Voters registered under Marsalforn need to collect their voting documents from the Marsalforn Police Station.

From Saturday, 18th May to Friday, 31st May, 2024:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and
From 3.00 p.m. to 9.00 p.m.

Saturday, 1st June, 2024

From 8.00 a.m. to 10.00 p.m.

Sunday, 2nd June, 2024

From 8.00 a.m. to noon

From the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar and from the Identity Card Office, St. Francis Square, Ir-Rabat, Gozo.

Mit-Tlieta, l-4 sal-Erbgħa, il-5 ta' Ġunju, 2024:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.
Mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Il-Ħamis, is-6 ta' Ġunju, 2024, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.
Mit-3.00 p.m. sa nofsillejl.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-17 ta' Mejju, 2024

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 18 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi dawk il-persuni li isimhom ikun jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali rivedut, iżda li ma jkunx jidher fil-lista ppubblikata skont il-paragrafu (5) tar-regolament 17 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u li ma jkunux irċevew id-Dokument għall-Votazzjoni jew li, wara li jkunu rċevew dak id-dokument, ikunu tilfuh jew iddistruġġewh, jistgħu japplikaw personalment għand il-Kummissjonarji Elettorali mill-Uffiċċju tagħhom fil-Kumpless tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar, u mal-produzzjoni tal-Karta tal-Identità tagħhom jew id-Dokument tar-Residenza

From Tuesday, 4th to Wednesday, 5th June, 2024:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m.
From 3.00 p.m. to 9.00 p.m.

Thursday, 6th June, 2024, last day:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m.
From 3.00 p.m. to midnight

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

17th May, 2024

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 18 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that those persons whose name appears in the last revised Electoral Register, but does not appear in the list published under paragraph (5) of regulation 17 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363) and who have not received the Voting Document or who, after the receipt of such document, have lost or destroyed it, may apply personally to the Electoral Commissioners at their Office, Vote Counting Complex, Naxxar, and upon the presentation of their Identity Card or Residence Document and upon the making of any declaration

tagħhom u fuq dikjarazzjoni bil-ġurament kif ikunu meħtieġa mill-Kummissjonarji Elettorali, għandhom jingħataw Dokument għall-Votazzjoni Speċjali. Dawk il-persuni jistgħu jmorru l-Uffiċċju tal-Kummissjonarji Elettorali f'kull ġurnata, sa nhar l-Erbgħa, il-5 ta' Ġunju, 2024, sad-9.00 p.m., matul il-ħinijiet li jidhru hawn taħt, jiġifieri:

Mit-Tnejn sal-Ħadd:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mit-3.00 p.m. sal-10.00 p.m.

Mill-Ħadd, it-2 ta' Ġunju, 2024 sal-Erbgħa, il-5 ta' Ġunju, 2024, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Ngħarrfu wkoll illi dawk il-persuni li huma reġistrati bħala eletturi f'xi parti tar-Reġistru Elettorali li jirreferixxi għal Għawdex, jistgħu japplikaw għal u jirtiraw id-Dokument għall-Votazzjoni speċjali tagħhom, fuq talba, bħalma hu speċifikat iżjed 'il fuq, mingħand il-Kummissjonarji Elettorali fl-Uffiċċju tagħhom, Uffiċċju tal-Karta tal-Identità, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet li jidhru hawn fuq.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-17 ta' Mejju, 2024

on oath as may be required by the Electoral Commissioners, shall be given a Special Voting Document. Such persons may call at the Electoral Office on any day up to Wednesday, 5th June, 2024, at 9.00 p.m., during the hours shown hereunder, that is:

From Monday to Sunday:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

On Saturday, 1st June, 2024, from 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and from 3.00 p.m. to 10.00 p.m.

From Sunday, 2nd June, 2024 to Wednesday, 5th June, 2024, last day:

From 8.00 a.m. to 1.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 9.00 p.m.

It is further notified that those persons who are registered as voters in any part of the Electoral Register which relates to Gozo, may apply for and withdraw their special Voting Document on application, as specified above, from the Electoral Commissioners at their Office, Identity Card Office, St. Francis Square, Ir-Rabat, Gozo, during the hours shown above.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

17th May, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1122

Illi b'digriet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, tal-5 ta' Frar, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Matthew Degiorgio ta' 61, PH, Triq is-Sgħajtar, Il-Mosta, ippreżenta Talba, fil-25 ta' April, 2023, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jason Muscat ta' 49, Triq P. Borg Olivier, Is-Swatar, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €7320, liema ammont huwa dovut lill-attur.

Il-kawża (CCT numru 113/2023) hija differita għas-27 ta' Mejju, 2024, fis-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Mejju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Consumer Claims Tribunal of 5th February, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Matthew Degiorgio of 1 61, P/H, Triq is-Sgħajtar, Mosta, filed a Claim on the 25th April, 2023, whereby he asked the Tribunal to condemn Jason Muscat of 49, Triq P. Borg Olivier, Swatar, to pay the plaintiff the sum of €7320, which amount is due to the plaintiff.

The case (CCT number 113/2023) is deferred on the 27th May, 2024, at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 16th May, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1123

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' April, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Annie Baldacchino et vs Mark Anthony Hersey, Rikors numru 158/2023CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mark Anthony Hersey a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Annie Baldacchino (KI 87146M), Rosaria sive Lucy Cortis (KI 279952M), John Borg (KI 459255M), Marica Scicluna (KI 64271M), Raymond Borg (KI 12272M), Kevin Borg (KI 514274M), Ian Borg (KI 579678M), Victoria Vassallo (KI 366573M), Sean Borg (KI 461674M), Eric Borg (KI 173876M) u Jonathan Borg (KI 633482M) vs Mark Anthony Hersey (KI 0360066M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-24 ta' Marzu, 2023, ir-rikorrenti Annie Baldacchino (KI 87146M), Rosaria sive Lucy Cortis (KI 279952M), John Borg (KI 459255M), Marica Scicluna (KI 64271M), Raymond Borg (KI 12272M), Kevin Borg (KI 514274M), Ian Borg (KI 579678M), Victoria Vassallo (KI 366573M), Sean Borg (KI 461674M), Eric Borg (KI 173876M) u Jonathan Borg (KI 633482M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jappunta perit biex jaċċedi għal proprjetà 102 ġja 96 Triq Tonna, Tas-Sliema, biex iħejji relazzjoni dwar il-valur tal-proprjetà fis-suq ħieles;

By means of a decree of the 11th April, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Annie Baldacchino et vs Mary Anthony Hersey, Application number 158/2023CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mark Anthony Hersey in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Annie Baldacchino (ID 87146M), Rosaria sive Lucy Cortis (ID 279952M), John Borg (ID 459255M), Marica Scicluna (ID 64271M), Raymond Borg (ID 12272M), Kevin Borg (ID 514274M), Ian Borg (ID 579678M), Victoria Vassallo (ID 366573M), Sean Borg (ID 461674M), Eric Borg (ID 173876M) and Jonathan Borg (ID 633482M) vs Mark Anthony Hersey (ID 0360066M) filed in the Rent Regulation Board, on the 24th March, 2023, the applicants Annie Baldacchino (ID 87146M), Rosaria sive Lucy Cortis (ID 279952M), John Borg (ID 459255M), Marica Scicluna (ID 64271M), Raymond Borg (ID 12272M), Kevin Borg (ID 514274M), Ian Borg (ID 579678M), Victoria Vassallo (ID 366573M), Sean Borg (ID 461674M), Eric Borg (ID 173876M) and Jonathan Borg (ID 633482M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Appoint an architect to accede to property number 102 previously 96, Triq Tonna, Tas-Sliema, to prepare a report regarding the value of the property on the free market;

2. Jordna li jsir test tal-mezzi fuq l-intimat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4A(3)(C);

3. Illi jekk l-eżitu tat-test tal-mezzi ikun wieħed negattiv, jordna lill-intimat jivvaka l-proprjetà mertu tal-kawża u dan fi żmien sentejn skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4A(3)(D).

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Notifika: Mark Anthony Hersey, 102, Triq Tonna, Tas-Sliema

Ir-rikors fl-ismijiet Annie Baldacchino et vs Mark Anthony Hersey, Rikors numru 158/2023CG, jinsab differit għat-28 ta' Mejju, 2024, fid-9.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Mejju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Order that a means test be carried out on the respondent according to the provisions of Article 4A(3)(C);

3. That if the result of the means test is negative, order the respondent to vacate the property merit of the cause and this within two years according to the provisions of Article 4A(3)(D).

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Notification: Mark Anthony Hersey, 102, Triq Tonna, Tas-Sliema

The application in the names Annie Baldacchino et vs Mark Anthony Hersey, Application number 158/2023CG, has been postponed for hearing to the 28th May, 2024, at 9.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th May, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1124

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Settembru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Roberto Sammut.

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fit-18 ta' Settembru, 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Roberto Sammut (KI 211895M) ta' Fl. 3, Triq Patri Gustin Sant, Binja Santa Venera, Ent. H, Santa Venera, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1009.74, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 335/2023IS) hija differita għat-3 ta' Ġunju, 2024, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Mejju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 25th September, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Roberto Sammut in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (c 10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 18th September, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Roberto Sammut (ID 211895M) of Fl. 3, Triq Patri Gustin Sant, Binja Santa Venera, Ent. H, Santa Venera, to pay the plaintiff company the sum of €1009.74, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 335/2023IS) is deferred on the 3rd June, 2024, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th May, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1125

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Marzu, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 623/2023AL fl-ismijiet Ruth Cassar vs Michael Spiteri, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Michael Spiteri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Ruth Cassar (KI 442677M) vs Michael Spiteri (KI 81375M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 623/2023AL, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Novembru, 2023, ir-rikorrenti Ruth Spiteri Cassar (KI 442677M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti li ġie ċċelbrat nhar il-5 ta' Ġunju, 2011, huwa maħlul u dikjarat bħala xolt;

2. Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan il-ħall taż-żwieġ jiġi debitament reġistrat skont il-liġi; u

3. Tagħti kull provvediment ulterjuri li din l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Il-kawża fl-ismijiet Ruth Cassar vs Michael Spiter (Rikors numru 623/2023AL) hija differita għad-29 ta' Mejju, 2024, fid-9.15 a.m.

Rikorrenti: 8, Odissea, Triq Bur Glat, Il-Gudja

Notifika intimat: MM Grazia, 4, San Lawrenz, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 16 ta' Mejju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 13th March, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Ruth Cassar vs Michael Spiteri, Application Number 623/2023AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Michael Spiteri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the Sworn Application number 623/2023AL in the names Ruth Cassar (ID 442677M) vs Michael Spiteri (ID 81375M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th November, 2023, the applicant Ruth Spiteri Cassar (ID 442677M) requested this Honourable Court to:

1. Order that the marriage between the parties celebrated of the 5th June 2011 is annulled and declared void;

2. Order that the decree of this Honourable Court be notified to the Director Public Registry so that this dissolution of the marriage be duly registered according to law; and

3. Give any further provision that this Court deems fit and opportune.

The application in the names Rita Cassar vs Michael Spiteri, Application number 623/2023AL, has been postponed for hearing to the 29th May, 2024, at 9.15 a.m.

Applicant: 8, Odissea, Triq Bur Glat, Gudja

Notification respondent: MM Grazia, 4, San Lawrenz, Ħaż-Żabbar

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 16th May, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1126

ARB/C032/2024 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Mejju, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Charmaine Galea, LLD). Kumpilazzjoni Numru 408/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)

ARB/C032/2024 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th May, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD). Compilation Number 408/2024, in the case:

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)

Kontra

JUERGEN TOEPFL, xufier, ta' 46 sena, iben il-mejjet Erich Toepfl u il-mejta Ahelga Toepfl, imwieled il-Ġermanja fid-9 ta' Jannar, 1978, u residenti f'Rohan Court, Flat 4, Triq tal-Labour, In-Naxxar u detentur ta' passaport Ġermaniż bin-numru CFK7JYKHR u dokument ta' identifikazzjoni Malti bin-numru 406027A.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' JUERGEN TOEPFL u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, minn fejn għandhom jiġu speċifikati liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputat matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 5, u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 16 ta' Mejju, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Versus

JUERGEN TOEPFL, driver, 46 years, son of the late Erich Toepfl and the late Ahelga Toepfl, born in Germany on the 9th January, 1978, and residing at Rohan Court, Flat 4, Triq tal-Labour, Naxxar, and holder of German passport bearing number CFK7JYKHR and Maltese Identification document bearing number 406027A.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to JUERGEN TOEPFL and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 5, and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 16th May, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1127

ARB/C031/2024 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-9 ta' Mejju, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

ARB/C031/2024 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 9th May, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court

Struttorja (il-Maġistrat Dott. Jean Paul Grech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 394/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)

Kontra

FARHAT SAID, electrician, ta' 35 sena, iben EI Milloudi u l-mejta Mina xebba Belmohamed, imwieled il-Marokk, fis-26 ta' Diċembru, 1988, u mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' passaport Marokkin bin-numru FC8780345.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' FARHAT SAID u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, b'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes jew l-imputat jindika lill-Qorti hu stess minn liema kont jkun qed jipperċepixxi l-flejjes indikati.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 23A, u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 16 ta' Mejju, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Jean Paul Grech, LLD). Compilation Number 394/2024, in the case:

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)

Versus

FARHAT SAID, electrician, 35 years, son of EI Milloudi and the late Mina née Belmohamed, born in Morocco, on the 26th December, 1988, and without a fixed address in Malta and holder of Moroccan passport bearing number FC8780345.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to FARHAT SAID and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account this money is taken or the accused himself may indicate to the Court from which account he is perceiving the money indicated.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 23A, and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 16th May, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603